MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 94/2021 LM

**Christopher Testaferrata Moroni Viani (K.I. 0071665M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Christopher Testaferrata Moroni Viani (K.I. 0071665M)** [hawnhekk 'l-appellant'], minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'), tas-7 ta' Marzu, 2022 (minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'), li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-appell tar-rikorrent u laqa' r-risposta tal-intimata Awtorità tal-Artijiet [hawnhekk 'l-appellata'].

**Fatti**

2. Fir-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa s-suċċessur fit-titolu ta' art preċedentement esproprjata magħrufa bħala 'Il-Barrakka', fit-Telgħa tas-Saqqajja, ir-Rabat. Ir-rikorrent spjega li *ai termini* tal-artikolu 31 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta huwa kien talab li din 'il-Barrakka' terġa' tiġi akkwistata minnu stante li tħalliet fi stat ta' abbandun, u dan filwaqt li pprometta li huwa kien ser jieħu ħsieb ir-restawr tal-istess proprjetà. Din l-applikazzjoni tar-rikorrent saret f'Novembru 2020. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-18 t'Awwissu, 2021, li ġiet riċevuta mir-rikorrent fil-21 t'Awwissu, 2021, l-Awtorità intimata infurmat lir-rikorrent li t-talba tiegħu kienet qegħda tiġi miċħuda peress li s-sit huwa meqjus bħala wirt nazzjonali u għalhekk m'għandux jiġi ttrasferit favur individwi privati. Ir-rikorrent ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, u għalhekk interpona appell minnha quddiem it-Tribunal, fejn qal li l-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta imkien ma jipprovdi li l-Awtorità ma tistax tiddisponi minn siti simili. Żied jgħid li l-liġi tesiġi li l-Awtorità intimata tamministra siti ta' importanza kulturali, soċjali jew storika bl-aħjar mod, iżda li hemm differenza kbira bejn l-obbligu li tamministra u r-rifjut totali, li jfisser li l-Awtorità intimata qatt ma tiddisponi minn proprjetajiet simili favur il-privat. Ir-rikorrent qal li r-raġuni għal din id-deċiżjoni hija waħda żbaljata, u tagħti lok għal abbuż min-naħa tal-Awtorità. Ir-rikorrent ħassu aggravat ukoll għaliex l-intimata naqset milli tapplika dak li jgħid l-artikolu 32 tal-Kap. 563, li trasferimenti jistgħu jkunu suġġetti għad-dritt tal-ewwel rifjut, u li dan kellu jkun ta' importanza għall-Awtorità fl-evalwazzjoni tagħha, partikolarment meta wieħed iqis ir-rabta tar-rikorrent mal-imsemmi sit. Ir-rikorrent qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex huwa dispost li jerġa' jirrestawra s-sit, skont l-i*standards*

li ġew maqbula mal-Awtorità tal-Ippjanar fil-*Method Statement* fil-proċess tal-Ippjanar PA/00591/14. Ir-rikorrent qal li huwa għandu kemm ir-riżorsi finanzjarji kif ukoll namra sentimentali lejn dan is-sit, li ġie akkwistat mill-Gvern mingħand l-antenati tiegħu. Qal li huwa dmir ta' kull ċittadin li jipproteġi l-patrimonju kulturali, u kull ċittadin għandu dritt jibbenefika mill-patrimonju kulturali. Qal li huwa dispost li jirrestawra s-sit, u fil-fatt diġà beda jitkellem ma' xi periti sabiex ir-restawr ikun jista' jsir bl-aqwa speċifikazzjonijiet. Ir-rikorrent qal li jekk huwa minnu li dan is-sit huwa ta' daqstant importanza, l-obbligu tal-Awtorità intimata huwa li tara li dan ma jispiċċax fi stat ta' abbandun, u minkejja li l-post kien jintuża mir-Rabat Scouts Group għal xi żmien, dawn issa ilhom ħafna li telqu minn dan il-post, li ilu ma jintuża minn dak iż-żmien.

**<u>Mertu</u>**

3. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent talab li dan jogħġbu jħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif kontenuta fl-ittra tat-18 t'Awwissu, 2021, fejn din irrifjutat it-talba tar-rikorrent għar-riakkwist tas-sit magħruf bħala 'Il-Barrakka', fit-Telgħa tas-Saqqajja, ir-Rabat, u konsegwentement jordna li din l-applikazzjoni tiġi kkonsidrata mill-ġdid fid-dawl tad-deċiżjoni li ser tkun qegħda tingħata mit-Tribunal.

4. L-intimata fir-risposta tagħha wieġbet li r-rikorrent kien intavola applikazzjoni mal-Awtorità intimata (ref. GLA1/2020/1279) sabiex jakkwista l-*viewing gallery* (il-Barrakka) li tinsab fit-telgħa tas-Saqqajja, ir-Rabat. L-Awtorità intimata spjegat li din it-tip ta' applikazzjoni hija intiża sabiex persuna titlob li

art partikolari tinħareġ għall-bejgħ b'*tender* jew b'irkant, u għalhekk dan ikun ifisser li kwalunkwe persuna tkun tista' tittanta tixtri dik il-proprjetà. L-intimata spjegat li l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet rifjutata għaliex is-sit huwa meqjus bħala wieħed li għandu valur storiku, u għalhekk m'għandux jiġi ttrasferit favur individwi privati. B'riferiment għar-rikors li r-rikorrent ressaq quddiem it-Tribunal, l-intimata qalet li hija għandha s-setgħa *ai termini* tal-artikolu 7(2)(ċ) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta li tamministra art pubblika bl-aktar mod assolut, u dan sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha ta' Malta. Qalet li kull applikazzjoni tiġi determinata u kkonsidrata fuq il-mertu tagħha *ad hoc,* u huwa għalhekk li hija ddeċidiet li *valuable heritage asset* m'għandux jiġi ttrasferit favur individwu privat. Qalet li hija mhijiex taġixxi b'mod abbużiv meta wara li kkonsidrat l-applikazzjoni tar-rikorrent, iddeċidiet li din il-proprjetà m'għandhiex tinbiegħ. L-intimata eċċepiet ukoll li hija għamlet il-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti, anke wara li qieset l-istat li tinsab fih din il-proprjetà, is-sehem tal-Gvern fiha, ir-rabta tar-rikorrent mas-sit, u l-importanza kulturali u soċjali tal-istess proprjetà, u għalhekk id-deċiżjoni tagħha hija waħda korretta u raġonevoli. L-intimata eċċepiet ukoll li meta r-rikorrent għamel riferiment għall-artikolu 32 tal-Kap. 573 tal-Liġjiet ta' Malta, id-dritt tal-ewwel rifjut li jsemmi l-istess artikolu jingħata fejn hemm offerta għal trasferiment. F'dan il-każ iżda, ma kien hemm l-ebda awtorizzazzjoni biex isir trasferiment, u għalhekk ma kien hemm l-ebda offerta marbuta mal-istess. L-intimata qalet ukoll li l-fatt li r-rikorrent huwa dispost li jirrestawra s-sit, ma jfissirx li hija għandha tittrasferixxi l-art. Żiedet tgħid li filwaqt li huwa dmir ta' kull ċittadin li jippreserva l-wirt kulturali ta' pajjiżna, daqstant ieħor huwa dmir tagħha li tassigura li din l-art li tagħmel parti mill-istorja ta' pajjiżna, tkun amministrata

tajjeb, u mhux biss tiġi restawrata, iżda tibqa' titgawda mill-pubbliku kollu u mhux minn individwu jew ieħor. Qalet ukoll li fil-preżent hija tinsab f'kuntatt mas-*Superintendence of Cultural Heritage* sabiex tassigura li din il-proprjetà tintuża b'mod tajjeb, u tiġi salvagwardjata kif meħtieġ. L-intimata qalet li għalhekk hija għamlet dak kollu neċessarju u raġonevoli fir-rigward tat-talba tar-rikorrent, sabiex tissalvagwardja din il-proprjetà mhux biss strutturalment, iżda wkoll fl-ambitu soċjali, kulturali u storiku tagħha għat-tgawdija tagħha mill-pubbliku Malti u Għawdxi kollu.

5. Ir-rikorrent **Christopher Testaferrata Moroni Viani** fl-*affidavit* tiegħu li ppreżenta quddiem it-Tribunal, qal li huwa għandu diversi proprjetajiet fir-Rabat ta' Malta, fosthom għalqa magħrufa bħala "Tal-Qampiena" u sehem indiviż minn għalqa oħra adjaċenti għaliha. Qal li dawn iż-żewġ għelieqi, flimkien mal-Barrakka mertu ta' dawn il-proċeduri, kienu jiffurmaw parti minn territorju akbar, u llum hemm diversi toroq għaddejjin minn dawn l-għelieqi li xi darba kienu jiffurmaw territorju wieħed. Spjega li l-proprjetà mertu ta' dawn il-proċeduri, jiġifieri l-Barrakka, darba kienet proprjetà ta' żewġ familji – dik ta' Testaferrata Moroni Viani u dik ta' Strickland, u kemm il-Barrakka kif ukoll l-għalqa kienu fiżikament diviżi fi tnejn bejn dawn iż-żewġ familji. Ir-rikorrent qal li sussegwentement, iż-żewġ partijiet diviżi tal-Barrakka ġew esproprjati għall-użu pubbliku, il-parti tal-familja Strickland ġiet esproprjata permezz ta' kuntratt tad-29 ta' Lulju, 1933, u dik tal-familja Testaferrata ġiet esproprjata permezz ta' kuntratt tat-23 ta' Settembru, 1933. Ir-rikorrent żied jgħid li l-esproprjazzjoni kienet maħsuba biex tolqot il-Barrakka biss, u l-għelieqi rispettivi ntirtu mid-dixxendenti tal-familja Strickland u minn dawk tal-familja Testaferrata. Ir-rikorrent spjega li fis-27 ta' Diċembru, 2005, meta missieru kien għadu ħaj,

huwa kien xtara s-sehem tal-għalqa ta’ Strickland, inkluż kull ‘aspettattiv’ biex ikun jista’ jixtri l-Barrakka in kwistjoni. Ir-rikorrent qal li missieru miet fl-20 ta’ April, 2017, u l-eredi tiegħu huma hu u ħuh Martin Testaferrata Moroni Viani. Qal ukoll li meta huwa kien akkwista l-art, il-ftehim viġenti kien li f’każ li javveraw ruħhom iċ-ċirkostanzi opportuni, huwa waħdu jkun jista’ jixtri l-Barrakka li kienet esproprjata fl-1933. Qal li ċ-ċirkostanzi opportuni huma dawk li jirriżultaw meta proprjetà esproprjata ma tibqax meħtieġa għall-użu pubbliku, fejn is-sid esproprjat ikollu d-dritt li jirċeviha lura bil-prezz stabbilit skont il-liġi. Ir-rikorrent kompla jgħid li ftit wara l-akkwist minnu ta’ parti mill-art fl-2005, huwa beda jikkorrispondi mad-Dipartiment tal-Artijiet u għamel riferiment għall-fatt li l-Barrakka kienet okkupata mir-Rabat Boy Scouts Group, li sadanittant ħarġu mill-istess proprjetà. Qal ukoll li mill-indaġini li saret minnu, jirriżulta li l-Gvern applika u kiseb permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar biex jirrestawra din il-Barrakka u dan b’rabta ma’ proġett akbar għar-restawr tal-binja fil-viċinanzi magħrufa bħala ‘il-Palju’. Ir-rikorrent qal ukoll li dawn iż-żewġ binjiet m’għandhom x’jaqsmu xejn ma’ xulxin. Ir-rikorrent għamel riferiment għall-*method statement* fost id-dokumenti li ntbagħtu lill-Awtorità tal-Ippjanar f’Novembru tal-2013, u qal li minn hemm jirriżulta li l-Barrakka in kwistjoni kienet mikrija lir-*Rabat Boy Scouts Group,* filwaqt li l-parti ta’ taħt kienet qiegħda tintuża bħala maħżen privat. Qal ukoll li jrid isir ħafna xogħol biex din il-Barrakka tiġi ripristinata għall-istat li kienet fih preċedentement. Ir-rikorrent qal li l-permess relattiv ingħata lill-Gvern fit-8 t’April, 2014, u safejn jaf hu, il-Barrakka tinsab abbandunata kompletament u għadhom ma saru l-ebda xogħlijiet fuqha. Ir-rikorrent qal li jeżistu ċ-ċirkostanzi opportuni biex huwa jkun jista’ jikseb din il-Barrakka lura, partikolarment għaliex din il-Barrakka kienet

mikrija lill-privat u għalhekk ma kien hemm l-ebda użu pubbliku għaliha, il-fatt li f'dokument ippreżentat lill-Awtorità tal-Ippjanar ġie dikjarat li "*[n]othing is known about the Barrakka*", u għalhekk fil-fehma tar-rikorrent qatt ma kien hemm interess biżżejjed da parti tal-awtoritajiet governattivi f'dan is-sit. Qal ukoll li l-Barrakka qatt ma ġiet skedata, li juri li m'hemm l-ebda ħtieġa ta' intromissjoni pubblika, u dan is-sit ilu abbandunat u żdingat diversi snin, sabiex b'hekk huwa wasal għall-konklużjoni li m'hemm l-ebda użu pubbliku għalih. Ir-rikorrent qal li din il-Barrakka kienet privata, u għalhekk għandha tiġi ritornata f'idejn min kienet ġiet esproprjata. Flimkien mal-*affidavit* tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta diversi dokumenti li jagħmel riferiment għalihom fix-xhieda tiegħu.

6. Iben ir-rikorrent, **Stephen Henry Testaferrata Moroni Viani**, fl-*affidavit* tiegħu ppreżentat quddiem it-Tribunal, qal li huwa familjari ma' diversi mill-proprjetajiet li għandu interess fihom missieru, u jaf li missieru ilu madwar ħmistax-il sena jipprova jixtri l-Barrakka lura, iżda qatt ma ngħata risposta mill-awtoritajiet. Qal ukoll li fis-sena 2020 huwa stess kien avviċina lill-Awtorità tal-Artijiet bi proposta sabiex jixtri l-Barrakka, u f'Lulju tal-2020 uffiċjal tal-*customer care* fl-istess Awtorità kien infurmah li sabiex il-każ seta' jiġi kkonsidrat, kellha timtela formula li ġġib in-numru GLA1. Ix-xhud qal li huwa kien jaf li d-deċiżjoni aħħarija kellha tittieħed mill-Awtorità u mhux minn xi uffiċjal tagħha.

7. Quddiem it-Tribunal xehed **Dr Martin Testaferrata Moroni Viani**, li jiġi ħu r-rikorrent, li qal li l-art li fuqha tinsab din il-Barrakka kienet ilha fil-pussess ta' żewġ familji ewlenin, ta' Testaferrata u ta' Strickland, li kellhom nofs indiviż kull wieħed minn dan it-territorju. Spjega li l-esproprju tal-Barrakka seħħ fis-

sena 1933, fejn il-Gvern ta' Malta dak iż-żmien akkwista s-sehem relattiv li kellha l-familja Strickland u s-sehem relattiv li kellha l-familja Testaferrata. Ix-xhud qal li ħuh akkwista l-artijiet fil-madwar ta' din il-proprjetà fl-2005, fi żmien meta l-liġi kienet tgħid li meta jirriżulta li m'għadx hemm interess pubbliku fir-rigward ta' proprjetà esproprjata, l-esproprjat jista' jitlob il-proprjetà lura. Ix-xhud qal li f'dan il-każ għandu jirriżulta li l-esproprjat kien individwu privat, u għalhekk dan għandu jkollu ċ-ċans li jakkwista l-proprjetà lura.

8. Ix-xhud **Noel Gauci**, *case officer* mal-Awtorità tal-Artijiet, spjega quddiem it-Tribunal li l-Gvern għandu ħames porzjonijiet indiviżi minn tmienja mill-Barrakka, iżda qal li huwa ma jafx jekk din hijiex mikrija jew le. Qal ukoll li Heritage Malta wrew interess f'din il-proprjetà għaliex għandha valur storiku.

## Is-Sentenza Appellata

9. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Marzu 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud, filwaqt li laqa' r-risposta tal-Awtorità intimata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra:***
>
> *Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif kontenuta f'ittra datata 18 t'Awwissu, 2021 li permezz tagħha ġie nfurmat li t-talba tiegħu sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti għal trasferiment ta' dik li hi magħrufa bħala l-*Viewing Gallery ("Barracca") *it-Telgħa tas-Saqqajja, Rabat kienet ġiet miċħuda u dana peress li s-sit kien ikkunsidrat bħala wirt ta' ċertu valur li ma setax jiġi mibjugħ lill-privat.*
>
> *Ir-rikorrent xehed illi s-sit in kwistjoni flimkien mat-territorju tal-madwar kien fiż-żmien jappartjeni lill-familji Strickland u Testaferrata Viani. Jirriżulta wkoll illi fl-1933 is-sit in kwistjoni ġie esproprjat mill-Gvern ta' Malta. Wara numru ta' snin, u ċioé fl-2005, ir-rikorrenti xtara s-sehem li kellhom il-familja Strickland fejn fost affarijiet oħra*

*akkwista wkoll* "all residual rights to regain all or any part of the Viewing Balcony ("Barracca") as better described in the deed of Notary Dr Calcedonio Gatt of the twenty-ninth July of the year nineteen thirty three (29.7.1933)." *(fn. 1 Dokument CTMV 006 a fol. 87). Ir-rikorrent spjega illi għalkemm fl-2014 il-Gvern kien ottjena permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jirrestawra dan is-sit, illum il-ġurnata l-istess sit jinsab kompletament abbandunat u ma saru ebda xogħlijiet. Huwa jsostni li ma baqa' l-ebda raġuni li għandha żżomm lill-Gvern milli jirrilaxxa l-istess sit favur tiegħu ladarba l-istess kien esproprjat mingħand l-antenati tiegħu għal skop pubbliku u llum is-sit jinsab in parti mikri lil terzi u fil-bqija tiegħu fi stat ta' abbandun.*

*Noel Gauci, uffiċjal tal-Awtorità intimata, spjega illi peress li s-sit huwa ta' ċertu valur storiku huwa ġie dirett mis-superjuri tiegħu biex jiċċekkja ma' Heritage Malta jekk humiex interessati fl-istess sit. Da parti tagħha Heritage Malta urew interess fis-sit. Mill-emejl mibgħuta mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali jirriżulta wkoll illi l-Awtorità ġiet mitluba tinfurmahom dwar il-proċedura li kellhom jagħmlu sabiex jitolbu li s-sehem rimanenti jiġi akkwistat mill-Gvern. (fn. 2 Emejl a fol. 209)*

***Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrent ressaq tliet aggravji prinċipali, u ċioé:*

*1. Illi ma hemm xejn fil-liġi li jipprekludi lill-Awtorità intimata milli tiddisponi minn siti simili favur il-privat;*
*2. Illi l-Awtorità naqset milli tagħti każ id-dritt tal-ewwel rifjut u dan in vista tar-rabta li għandu mas-sit in kwistjoni;*
*3. Illi huwa dispost li jirrestawra s-sit, kif del resto għandu d-dmir kull ċittadin li jagħmel fir-rigward tal-patrimonju kulturali.*

*Illi jibda biex jingħad illi ma jirriżultax li hemm qbil li l-Gvern huwa s-sid uniku tas-sit in kwistjoni. Filwaqt li minn dak li jirriżulta mill-*case officer report *il-Gvern għandu 5/8 tas-sit in kwistjoni, ir-rikorrent isostni li l-Gvern huwa s-sid assolut tal-istess sit. Illi dan it-Tribunal mhux se jidħol f'din il-kwistjoni għaliex ma jirriżultax li huwa l-mertu ta' dan l-appell u ma hemm l-ebda aggravju dwar dan.*

*Illi jingħad ukoll illi fir-rigward tat-tieni aggravju, id-dritt tal-ewwel rifjut kif jemerġi minn artikolu 32 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Matla ma jiċċentra xejn fl-istadju ta' applikazzjoni bħal dik odjerna. Dan id-dritt jista' jiskatta* semmai *wara li toħroġ sejħa għall-offerti u mhux qabel. Mill-*case officer report *jirriżulta li l-Awtorità intimata ħadet in konsiderazzjoni l-istorja tas-sit, kif* del resto *anke sottomessa mir-rikorrenti fl-applikazzjoni tiegħu, però dana kollu ma seta' qatt jiskatta xi dritt abbażi tal-artikolu su-ċitat fl-istadju inizjali tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni.*

*Illi għalhekk it-Tribunal se jinvesti l-ewwel u t-tielet aggravji, u ċioé jekk l-Awtorità intimata eżerċitatx id-diskrezzjoni mħollija f'idejha, qua amministratur tal-art pubblika, b'mod raġjonevoli u ġust fiċ-ċirkostanzi u abbażi tal-fatti li kellha quddiemha.*

*Illi r-rikorrent isostni li ma hemm xejn fil-liġi li jwaqqaf lill-Awtorita intimata milli tiddisponi mis-sit favur ir-rikorrent qua persuna privata. Fil-fatt fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent ikkwota diversi dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 445 (Att dwar il-Patrimonju Kulturali) fejn il-protezzjoni tal-patrimonju kulturali Malti hija dmir li jinkombi fuq il-Gvern, gvern lokali, is-settur privat u s-settur tal-volontarjat. Illi però t-Tribunal josserva li filwaqt li l-imsemmi Att jikkonċedi li l-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tal-patrimonju kulturali jista' jiġi fdat permezz ta' att ta' kurazija f'idejn xi enti sew pubblika u sew privata, imkien ma jissemma li tali kurazija tista' tingħata lil xi individwu. (fn. 3 Artikolu 8(5)(a) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta)*

*Illi skont ir-rapport esebit mir-rikorrent jirriżulta li l-ambjenti ta' dan is-sit għandhom bżonn interventi ta' manutenzjoni però ma jirriżultax li kien hemm xi ħsarat estensivi. (fn. 4 Dokument CTM 008A – Method Statement for Conservation Works a fol. 147 et sequitur). Noel Gauci stqarr illi l-istess sit kien ġie mogħti lill-grupp tal-Iscouts tar-Rabat però dawn kienu ngħataw post alternattiv minn fejn joperaw. Jirriżulta wkoll illi minkejja li l-Gvern ottjena l-permessi għar-restawr tas-sit u dan kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti mir-rikorrent (fn. 5 a. Fol. 155 et sequitur), ma jirriżultax li sar xi intervent fuq l-istess sit.*

*Illi dan it-Tribunal jista' jifhem illi r-rikorrent għandu l-mezzi u l-ħeġġa li jekk is-sit jiġi akkwistat minnu huwa jkun jista' jagħmel l-interventi ta' restawr li hemm bżonn li jsiru. Illi madanakollu l-Awtorità ma tistax tikkunsidra biss il-mezzi li jista' għandu r-rikorrent. Stante li s-sit huwa ta' importanza kulturali hemm għadd ta' fatturi oħra li riedu jittieħdu in kunsiderazzjoni.*

*Illi kif jirriżulta mid-Dokument CTMV 008A esebit a fol. 95* et sequitur *tal-proċess, liema dokument huwa intitolat "*Method Statement for Conservation Works*" redatt fl-2013 mid-Direttorat tar-Restawr, is-sit in kwistjoni huwa adjaċenti għal dik li hi magħrufa bħala "Il-Loġġia tal-Palju", liema Loġġia hija inkluża fl-*Antiques Protection List *tal-1932 u kif ukoll hija binja skedata bħala "*Grade 1 national monument"*. Dan l-iskedar sar permezz ta' Avviż Numru 1082/09 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Diċembru, 2009. Fl-istess dokument hemm imniżżel is-segwenti "***<u>The adjacent buildings seem not to be included in this scheduling although they merit such listing".</u>*** (*fn 6 Enfasi tat-Tribunal). Illi dawn il-binjiet adjaċenti huma proprju l-ambjenti tas-sit in kwistjoni u ċioé dik magħrufa bħala l-"Barracca". Di più mill-istess dokumenti*

*jirriżulta li l-imsemmija Loġġia u l-binjiet adjaċenti jaqgħu fiż-żona ta' konservazzjoni urbana tar-Rabat u wkoll ġew inklużi fis-siti ta' importanza arkeoloġika tar-Rabat u l-Imdina permezz ta' notifikazzjoni tal-Gvern 766/98 datata 16 ta' Ottubru, 1998, apparti li huma sitwati f'*Area of High Landscape Value (Rural) *tas-Saqqajja, tal-Plieri u it-Tafal tal-Imdina u dan kif jirriżulta min-Notifikazzjoni tal-Gvern 1236/12 datata 7 ta' Diċembru, 2012.*

*Illi għalhekk mhemmx dubju li s-sit in kwistjoni għandu valur patrimonjali konsiderevoli. Illi minn dak li huwa fid-dominju pubbliku jirriżulta illi l-Loġġia tal-Palju ġiet restawrata fl-2016 (fn. 7 [https://tvmnews.mt/news/inawgurat-ir-restawr-tal-logga-tal-palju-fir-rabat/](https://tvmnews.mt/news/inawgurat-ir-restawr-tal-logga-tal-palju-fir-rabat/)) però ma jidhirx li sar l-istess fir-rigward tal-"Barracca". Kwindi l-Awtorità intimata, meta rinfaċċjata b'talba għall-akkwist ta' sit bħal dak odjern kellha kull dmir li tikkonsulta mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, liema Sovrintendenza, ai termini tal-Kapitolu 445 (Att Dwar il-Patrimonju Kulturali) għandha l-obbligu li twettaq id-dmirijiet tal-Istat biex tiżgura l-protezzjoni u l-aċċessibilità tal-patrimonju kulturali kif imfisser fl-imsemmi Att. Ġustament, għalhekk, is-Sovrintendenza meta kkuntattjata dwar dan is-sit mill-Awtorità intimata, qieset il-potenzjal ta' tali sit u uriet interess li jekk il-Gvern m'għandux l-ishma kollha, jakkwista l-ishma rimanenti.*

*Illi t-Tribunal ifakkar li l-Awtorità intimata għandha l-obbligu li tamministra l-art pubblika bl-aktar mod assolut però wkoll bħala* bonus paterfamilias, *li jfisser, fost affarijiet oħra, li għandha tara li jsir l-aħjar użu tal-istess art. Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-aħjar użu tas-sit in kwistjoni huwa li jitgawda mill-pubbliku in ġenerali u mhux minn individwu wieħed, anke jekk l-intenzjonijiet tiegħu jistgħu jkunu tajbin. Għaldaqstant, filwaqt li jawspika li jsir ir-restawr neċessarju li ilu snin twal biex isir, ma jsib xejn irraġonevoli fid-deċiżjoni appellata li tittieħed abbażi tal-interess pubbliku. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-patrimonju storiku u kulturali ta' pajjiżna, għandu jibqa' aċċessibbli għall-pubbliku in ġenerali b'dana illi l-Gvern għandu jieħu ħsieb li fejn hemm bżonn isiru l-interventi neċessarji sabiex din l-aċċessibilità tkun waħda reali.*

*Illi finalment, għalkemm mhux imressaq bħala aggravju, ir-rikorrent xehed illi l-istess sit għandu jerġa' jiġi fil-pussess tiegħu ai termini tal-Att dwar it-Trasferimenti ta' Artijiet tal-Gvern. Illi t-Tribunal jirrileva illi l-Att ċitat mir-rikorrent ġie mħassar permezz tal-Att XVII tal-2017, u ċioé, l-Att dwar Artijiet tal-Gvern. Illi dan l-aħħar imsemmi Att f'Artikolu 2 jistipula illi t-trasferiment ta' art esproprjata, meta ma tkunx għadha meħtieġa għal skop pubbliku, lill-persuna li dik l-art tkun ġiet hekk akkwistata mingħandha, jew lill-eredi fit-titolu tagħha, m'għandux jikkostitwixxi trasferiment għall-finijiet tal-istess Att. Illi però, it-Tribunal jirrileva illi, għalkemm fl-2005 ir-*

*rikorrent kien talab lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex isir it-trasferiment tas-sit lura lilu siccome l-istess sit, skont hu, kien qiegħed jiġi użat għal skopijiet privati, (fn. 8 Dokument CTMV 007) dak li ġie deċiż mill-Awtorità ma kinitx it-talba tar-rikorrent tal-2005 iżda talba sabiex is-sit in kwistjoni jiġi trasferit wara sejħa għall-offerti. Illi t-Tribunal jirrileva illi skont il-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta "skop pubbliku" huwa definit hekk "*skop pubbliku" jfisser kull skop li għandu x'jaqsam mal-użu esklussiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali, jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew għall-ippjanar tal-ibliet jew ma' jew għar-rikostruzzjoni jew għaż-żieda fl-impiegi, jew għat-tkattir fit-turiżmu, jew għall-promozzjoni tal-kultura, jew **għall-preservazzjoni tal-identità nazzjonali u storika** *(fn. 9 Enfasi tat-Tribunal*), jew għall-ħarsien ekonomiku tal-Istat jew kull skop li għandu x'jaqsam mad-difiża ta' Malta jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-operazzjonijiet navali, militari jew tal-ajru; u jfisser ukoll li kull skop ieħor imsemmi bħala pubbliku minn xi liġi; u għall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jiġi eżerċitat xi dritt taħt dan l-Att ikun marbut mal-utilizzazzjoni ta' xi art jew dritt marbut jew relatat magħha għal kull raġuni marbuta mal-provvista, ħażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi oħra ta' enerġija, jew f'konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilità jew servizz muniċipali jew proġett infrastrutturali, għandu jitqies bħala konness ma' jew anċillari għall-interess pubbliku jew utilità."

*Illi mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal hawn fuq, fil-mori ta' dawn il-proċeduri ma nġabet ebda prova da parti tar-rikorrent la x'kien l-iskop pubbliku li għalih ġie esproprjat is-sit snin ilu u wisq inqas li l-istess skop pubbliku m'għadux aktar fis-seħħ. Di più, it-Tribunal jirrileva illi l-Awtorità intimata, qua amministratur tal-art pubblika, m'għandha l-ebda dover li tiddisponi mill-istess art favur terzi u kwindi ħadd m'għandu jkollu xi aspettattiva li dak li jitlob bilfors irid jingħatalu.*

*Illi għaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal jifhem li r-rabta li r-rikorrent jista' għandu mas-sit in kwistjoni, ladarba l-istess sit illum huwa proprjetà tal-Istat u huwa sit meqjus bħala ta' importanza għall-wirt ta' pajjiżna, għandu jkun l-istess Stat li jippriservah bl-aħjar mod possibbli fl-interess pubbliku.*

***Decide***

*Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorità intimata.*

*Spejjeż a karigu tar-rikorrent."*

**L-Appell**

10. Ir-rikorrent ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell tal-25 ta' Marzu, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tat-Tribunal tas-7 ta' Marzu, 2022, u konsegwentement tilqa' t-talba tal-appellant, fis-sens li tordna lill-Awtorità appellata tikkonsidra t-talba tal-appellant għar-riakkwist tas-sit magħruf bħala 'il-Barrakka', fit-Telgħa tas-Saqqajja, ir-Rabat.

11. L-appellant spjega li huwa ħass ruħhu aggravat għaliex it-Tribunal iddeċieda li filwaqt li l-liġi tipprovdi li l-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tal-patrimonju kulturali jista' jiġi fdat permezz ta' att ta' kurazija f'idejn xi enti pubblika jew privata, imkien ma jingħad li tali kurazija tista' tingħata lil xi individwu. L-appellant għamel riferiment għall-Kap. 445, l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, u senjatament għat-taqsima "Prinċipji u Dmirijiet Ġenerali", fejn fl-artikolu 4 tiegħu jgħid:

> "4. L-Istat Malti jkollu d-dmir jistabbilixxi u jżomm strutturi amministrativi u regolatorji ta' sovrintendenza sabiex jiżgura li dan il-patrimonju jkun protett u konservat, kif ukoll jaħseb għal dawk l-istrutturi l-oħra li jkunu meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-kura, espożizzjoni u apprezzament ta' dan il-patrimonju.
> ...
> (4) Dak id-dmir li tipproteġi jinkludi wkoll id-dmir ta' inkoraġġiment tal-użu sostenibbli u ż-żamma fi stat tajjeb tar-riżorsa ta' patrimonju kulturali, skont il-prinċipji ta' konservazzjoni integrata, inkluż:
>
> (a) l-inkoraġġiment tal-integrazzjoni ta' prattiki ta' konservazzjoni u ta' tmexxija għar-rigward ta' patrimonju kulturali f'kull livell ta' gvern, gvern lokali, is-settur privat u tal-volontarjat; (enfasi miżjud).

12. L-appellant qal li għalhekk il-liġi stess ma tiddiskriminax bejn entità privata fis-sens ta' individwu, u entità oħra li mhijiex individwu, u l-liġi ssemmi biss 'is-settur privat'. L-appellant qal li din il-konsiderazzjoni saret fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal, u għalhekk ladarba din il-konsiderazzjoni serviet bħala l-bażi, il-kumplament tar-raġunament tat-Tribunal huwa kompletament żbaljat. L-appellant qal li kieku ried, it-Tribunal seta' jieqaf hawn mingħajr konsiderazzjonijiet ulterjuri, iżda dan ma sarx. Qal li dan ifisser li lanqas it-Tribunal ma kien kuntent b'din l-interpretazzjoni, għalkemm il-fatt li din il-konsiderazzjoni saret fil-bidu tar-raġunament mogħti, ifisser li din hija waħda ta' ċerta portata. L-appellant qal li t-Tribunal naqas milli jagħti d-debita konsiderazzjoni għall-aspett fattwali u emozzjonali tiegħu fir-rigward ta' dan is-sit, u qal li minkejja li l-apprezzament ta' fatt m'għandux jiġi ddisturbat leġġerment minn din il-Qorti, m'hemm xejn xi jżomm lil din il-Qorti milli tirrevedi dak deċiż, għaliex din hija wkoll Qorti ta' korrezzjoni. L-appellant qal li l-Awtorità appellata m'għamlet l-ebda kontro-eżami tax-xhieda prodotti minnu, u għalhekk din ix-xhieda għandha titqies bħala aċċettata, inkluż il-parti tax-xhieda fir-rigward tat-titolu tiegħu.

13. It-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar l-interess pubbliku. Qal li Noel Gauci għall-Awtorità appellata xehed li l-Awtorità ċaħdet it-talba tal-appellant għaliex skont l-appellata, l-oġġezzjoni ta' Heritage Malta hija ekwiparabbli mal-interess patrimonjali, kulturali u storiku tas-sit in kwistjoni skont il-liġi. L-appellant qal ukoll li huwa ma jaqbilx, għaliex fil-proċeduri quddiem it-Tribunal l-Awtorità kellha tissostanzja x'inhu l-interess ta' Heritage Malta. L-appellant qal li Heritage Malta semmiet l-interess ġeneriku li hija għandha f'dan is-sit, mingħajr ma tat dettalji dwar it-tip ta' pjan li għandha għar-restawr u l-

manutenzjoni tiegħu. L-appellant saħaq li l-provi juru l-kontra, u li dan is-sit ingħata lill-privat u tħalla jaqa' fi stat ta' abbandun. Qal ukoll li dan il-fatt ġie ppruvat, u t-Tribunal ħass il-ħtieġa li lejn l-aħħar tas-sentenza jawspika li dan l-istat ta' fatt ma jibqax jipperdura. L-appellant qal li lejn l-aħħar tas-sentenza, it-Tribunal qal li l-appellant ma ġab l-ebda prova li l-iskop pubbliku li għalih is-sit kien esproprjat m'għadux aktar fis-seħħ. Iżda l-appellant jgħid li f'dan il-każ kienet l-Awtorità li naqset li tipprova xi skop għandha għal dan is-sit, u x'użu pubbliku fi ħsiebha tagħmel minnu, ladarba dan tħalla fl-istat li hu. L-appellant qal li kienet l-Awtorità appellata li kellha l-oneru ta' tali prova, ladarba jirriżulta li din kienet ir-raġuni ewlenija li wasslet għar-rifjut tat-talba tiegħu. Qal li għalhekk l-aħħar parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal, fejn dan impona d-dover fuq l-appellant li jipprova l-interess pubbliku, hija ħażina.

14. It-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar l-iskedar tas-sit. Spjega li adjaċenti għall-fond mertu ta' dawn il-proċeduri hemm is-sit imsejjaħ 'Il-Loġġia tal-Palju', li ġie inkluż fl-*Antiques Protection List* tal-1932, u li ġie skedat bħala *Grade 1 national monument.* Qal li t-Tribunal għamel wkoll riferiment għall-kumment fl-istess dokument li anki s-sit in kwistjoni jimmerita li jiddaħħal f'din il-lista, iżda l-appellant qal li ladarba s-sit in kwistjoni ma ddaħħalx fil-lista u ma ġiex skedat bħala *Grade 1,* sinjal li kien hemm raġunijiet biżżejjed għalfejn il-leġislatur għażel li ma jinkludix il-Barrakka mal-bini storiku adjaċenti. L-appellant qal li jista' jkun li din kienet ir-raġuni għalfejn l-awtoritajiet iddeċidew li jħallu s-sit jintuża bħala *clubhouse* għal snin twal, u dan is-sit qatt ma tqies bħala sit ta' importanza partikolari, iżda ta' importanza sekondarja mil-lat patrimonjali. Qal li huwa kemmxejn kontradittorju li filwaqt li l-appellata tisħaq fuq l-importanza ta' dan is-sit, fl-istess waqt tagħti parti minnu lil terz, u tħalli parti oħra tiġi

abbużata u malandata. L-appellant qal li għalhekk jekk qatt kien hemm skop pubbliku wara t-teħid ta' dan is-sit, dan l-iskop ilu li miet diversi snin.

15. L-Awtorità appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, għalkemm meta nżammet l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, l-avukat difensur tal-Awtorità vverbalizza li l-Awtorità taqbel pjenament mad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju: il-Kap. 445 ma jiddiskriminax kontra individwi privati*

17. L-appellant għamel riferiment għall-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn sar riferiment għall-artikolu 4 tal-Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali), li jgħid li l-Istat Malti għandu jinkoraġġixxi l-użu sostenibbli u ż-żamma fi stat tajjeb tal-patrimonju kulturali bl-inkoraġġiment ta' prattiki ta' konservazzjoni u ta' tmexxija bl-involviment tal-gvern, il-gvern lokali, is-settur privat u l-volontarjat. L-appellant jgħid li għalhekk dan l-artikolu tal-liġi ma jiddiskriminax kontra individwi privati, u t-Tribunal kien żbaljat fl-interpretazzjoni mogħtija minnu. Qal ukoll li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra r-rabta emozzjonali li huwa għandu mas-sit, u kien għalhekk li t-Tribunal wasal

għad-deċiżjoni żbaljata, li individwu bħall-appellant m'għandux ikun fdat bir-restawr u bil-pussess ta' sit bħal dan.

18. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellant jirrappreżenta parti żgħira ferm mill-kwadru tal-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal qabel wasal għad-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk ma jistax jingħad li għaliex l-appellant ma jaqbilx mal-interpretazzjoni mogħtija mit-Tribunal, is-sentenza appellata hija żbaljata fl-intier tagħha. Fl-ewwel lok irid jingħad li minkejja li huwa minnu li l-Kap. 445 ma jeskludix is-sehem ta' individwi mill-prattiki ta' konservazzjoni għar-restawr u l-manutenzjoni ta' siti ta' importanza għall-patrimonju kulturali tal-pajjiż, fl-istess waqt dan l-Att isemmi bħala eżempji ta' entitajiet li jistgħu jiġu involuti fi prattiki għall-konservazzjoni ta' siti bħal dawn, entitajiet governattivi, tal-gvern lokali, is-settur privat, li jista' jinkludi wkoll għalhekk individwi privati, u l-qasam tal-volontarjat. Il-Qorti tqis li filwaqt li l-appellant huwa korrett meta jsostni li l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali ma jiddiskriminax kontra individwi bħalu, fl-istess waqt dan qiegħed iwarrab għal kollox il-fatt li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex imsejsa fuq il-konsiderazzjoni dwar jekk l-appellant waħdu għandux il-mezzi jew huwiex il-persuna idonea biex tkun fdata bil-pussess ta' sit meqjus bħala parti mill-patrimonju kulturali tal-pajjiż. L-appellant jgħid li huwa għandu rabta emozzjonali mas-sit għaliex kien hemm żmien meta l-Barrakka kienet tifforma parti minn għalqa li kienet fil-pussess tal-antenati tiegħu, u meta huwa akkwista l-intier tal-għalqa mingħand il-familja Strickland, huwa żamm 'l-aspettattiv' li xi darba jkun jista' jikseb din il-Barrakka. Din ix-xewqa tal-appellant iżda tippresupponi li s-sid attwali tas-sit, irid jiddisponi minnu. L-intenzjoni espressa mill-appellant fil-kuntratt tal-akkwist mingħand il-familja

Strickland, bl-ebda mod ma tista' titqies li torbot lill-Awtorità appellata, li ma kinitx parti minn dak il-kuntratt. Għaldaqstant, it-talba li għamel l-appellant lill-Awtorità appellata għall-akkwist minnu ta' dan is-sit, kienet tiddependi fuq jekk l-Awtorità appellata kellhiex interess li tiddisponi minn dan is-sit jew le. L-appellant lanqas ma speċifika b'liema termini u kundizzjonijiet huwa jixtieq li jakkwista dan is-sit, u filwaqt li fil-kuntratt tal-2005 speċifika li kellu interess "*to regain all or any part of the viewing balcony (barracca)",* fit-talba tiegħu lill-Awtorità huwa tkellem dwar l-akkwist mill-ġdid minnu ta' dan is-sit, mingħajr ebda konsiderazzjoni ta' prezz jew titolu li bis-saħħa tiegħu l-appellant xtaq li jikseb il-pussess ta' dan is-sit. L-appellant mhux ikun korrett jew leali lejn il-fatti meta jitkellem dwar id-dritt li jakkwista parti jew l-intier ta' dan is-sit lura fil-pussess tiegħu, u dan għaliex is-sit ilu li ġie esproprjat mill-1933, u għalhekk kemm l-appellant kif ukoll l-antenati tal-familja Strickland ilhom li ġew spussessati minnu. L-appellant imkien ma jgħid lanqas jekk kinux saru l-proċeduri tal-esproprju, jekk kienx sar ħlas mill-awtoritajiet governattivi għat-teħid ta' dan is-sit, u donnu li qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu li jieħu l-pussess ta' dan is-sit fuq il-fatt li l-Istat Malti m'huwa jagħmel l-ebda użu minn dan is-sit, u għadu ma sar l-ebda xogħol ta' restawr fuqu minkejja li l-Palju tal-Loġġia li jinsab biswitu ġie restawrat xi snin ilu. F'dan il-każ, is-sid attwali tas-sit (l-Awtorità tal-Artijiet) ħadet id-deċiżjoni li jkun aħjar li dan is-sit jibqa' fil-pussess tagħha, ma jiġi ttrasferit lill-ebda entità jew individwu, u jitħalla għat-tgawdija tal-pubbliku. Il-fatt li individwu privat jista' jitfa' ħarstu fuq proprjetà u juri interess fl-akkwist tagħha, ma jfissirx li l-Awtorità appellata għandha tilqa' dik it-talba, partikolarment jekk qatt ma kien hemm pjanijiet għat-trasferiment ta' dak is-sit lill-privat. Għaldaqstant, minkejja li huwa minnu li l-artikolu 4 tal-

Kap. 445 ma jiddiskriminax kontra individwi privati, daqstant ieħor huwa prinċipju stabbilit li l-fatt li l-privat juri interess fl-akkwist b'liema titolu li jkun, ta' xi sit miżmum mill-Awtorità appellata, ma jfissirx li dak is-sit għandu jiġi ttrasferit lilu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *l-Awtorità tal-Artijiet kellha tipprova x'inhu l-iskop pubbliku*

19. L-appellant qal li Heritage Malta esprimiet ir-riservi tagħha dwar it-trasferiment ta' dan is-sit minħabba l-interess patrimonjali, kulturali u storiku tas-sit. Qal li però Heritage Malta ma pprovdiet l-ebda dettalji dwar ir-restawr u l-manutenzjoni li kellhom isiru fis-sit, u minflok jirriżulta bl-aktar mod ċar li s-sit tħalla fi stat ta' telqa u abbandun. L-appellant jikkontendi li kellha tkun l-Awtorità tal-Artijiet li tagħti prova l-iskop pubbliku tas-sit u tal-pjanijiet li għandha għalih, u huwa m'għandu l-ebda oneru ta' prova f'dan ir-rigward.

20. Is-sit in kwistjoni ilu li ġie esproprjat mill-1933, u jekk fil-preżent l-iskop pubbliku li għalih ittieħed dan is-sit jista' jkun li mhux daqstant evidenti, stante li kif isostni l-appellant fil-preżent m'huwa qed jsir l-ebda użu minnu, b'daqshekk ma jfissirx li mal-medda tas-snin ma kienx hemm skop pubbliku wara dan it-teħid. Noel Gauci, l-uffiċjal tal-Awtorità tal-Artijiet li xehed quddiem it-Tribunal, spjega li dan is-sit huwa meqjus bħala wieħed formanti parti mill-patrimonju storiku tal-pajjiż. Il-Qorti tirrileva li l-Awtorità tal-Artijiet għandha l-obbligu li tamministra l-art pubblika bl-aħjar mod possibbli u bħala *bonus paterfamilias,* u li l-aħjar amministrazzjoni tas-sit in kwistjoni f'dan il-mument

ma jfissirx neċessarjament li dan għandu jinbiegħ jew jiġi ttrasferit lil xi individwu privat għall-użu personali tiegħu. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju: l-iskop pubbliku wara l-esproprju tas-sit*

21. L-appellant jgħid li s-sit biswit il-Barrakka mertu ta' dawn il-proċeduri, magħruf bħala 'Il-Loġġia tal-Palju' ġie inkluż fl-*Antiques Protection List* tal-1932, u ġie skedat ukoll bħala *Grade 1 national monument.* Qal li mhux l-istess sar fir-rigward tal-Barrakka, u jista' jkun li din ma ġietx inkluża bl-istess mod għaliex l-importanza patrimonjali tagħha hija waħda sekondarja. L-appellant qal ukoll li jekk xi darba kien hemm skop pubbliku wara t-teħid ta' dan is-sit, dan ilu li spiċċa.

22. L-appellant donnu li qiegħed isejjes dan it-tielet aggravju tiegħu fuq il-pretensjoni li dan is-sit għandu jiġi ttrasferit lilu, għaliex jekk meta sar l-esproprju fl-1933 kien hemm skop pubbliku, illum dan l-iskop pubbliku ma baqax jissussisti. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Pawlu Cachia *vs.* Avukat Ġenerali et**[1], fejn ingħad li huwa obbligu tal-Istat li jkun qed jesproprja, li jipprova li dak l-esproprju jkun qed isir fl-interess pubbliku, u li dan l-interess pubbliku jrid jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art tgħaddi għand l-Istat b'mod definittiv bil-konklużjoni tal-proċeduri tal-esproprju. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Bezzina Wettinger et *vs.* Kummissarju tal-Artijiet**[2], tenniet il-

[1] 28.12.2001.
[2] 10.10.2003.

prinċipju li l-Istat kellu jagħmel il-prova, mhux biss li b'mod konkret kien hemm il-ħtieġa tal-esproprju fl-interess pubbliku jew fl-interess ġenerali, iżda li dak l-interess pubbliku baqa' jissussisti sal-mument meta l-art għaddiet definittivament f'idejn l-Istat bit-tkomplija tal-proċeduri tal-esproprju. F'dan il-każ l-appellant imkien ma jgħid li l-proċeduri tal-esproprju ma ġewx ikkompletati, jew li ma tħallasx kumpens għat-teħid ta' din l-art lil min irriżulta li kien is-sid tagħha fl-1933. Isir riferiment ukoll għal sentenza oħra tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **John Curmi noe *vs.* Il-Kummissarju tal-Artijiet et**[3], fejn sar riferiment għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Pressos Compania Naviera S.A. et v. Belgium**, u **James and Others v. The United Kingdom**:

> **"***The Court recalls that the national authorities enjoy a wide margin of appreciation in determining what is "in the public interest", because under the Convention system it is for them to make the initial assessment both of the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property and of the remedial action to be taken."*

23. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, partikolarment meta l-appellant ma ġab l-ebda prova jew argument li minkejja li l-Istat ħa pussess ta' dan is-sit tant snin ilu, il-proċeduri tal-esproprju marbuta miegħu baqgħu ma ġewx fi tmiemhom. Hija l-Awtorità tal-Artijiet li għandha l-obbligu legali li tamministra dan is-sit fl-aħjar interess tal-pubbliku b'mod ġenerali. It-talbiet tal-appellant f'dan ir-rigward huma bbażati fuq pretensjoni ta' dritt li huwa arroga għalih innifsu meta ffirma l-kuntratt għall-akkwist ta' artijiet oħra fil-viċinanzi tal-Barrakka, iżda l-Awtorità tal-Artijiet bl-ebda mod ma

[3] 26.06.2009.

tista' titqies li hija marbuta b'dak li ġie mifthiem mill-appellant ma' terzi. Tqis għalhekk li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**